**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 249/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**-vs-**
**Joseph Ellul, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 221283M**

**Illum:** 27 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Ellul** u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer nhar it-22 ta' April, 2018, ġo Triq San Dwardu, Birgu, għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn (*sic*) tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30hrs):

a) Bil-ħsieb li joqtol jew li qiegħed il-ħajja ta' Emanuel Brignone f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq il-vettura tiegħu tal-għamla Volkwagen għamla Polo bin-numru tar-reġistrazzjoni HAT 582 fid-direzzjoni ta' Emanuel Brignone li kien qed

isuq il-vettura tal-għamla Kymco tip Agility bin-numru tar-reġistrazzjoni BCG 248 liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

Talli nhar il-21 ta' April, 2018, ġo Triq Alessandra, Bormla għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs):

b) Ikkommetta ħsara volontarja fuq il-vettura tal-għamla BMW tip 530D Sport Auto bin-numru tar-reġistrazzjoni MTG 490 għad-detriment ta' Stephen Ellul meta kien hemm Joseph Brignone bħala passiġier, billi intenzjonalment saq u ħabbat ġo din il-vettura bil-vettura tiegħu tal-għamla Volkwagen tip Polo bin-numru tar-reġistrazzjoni HAT 582 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Bil-ħsieb li jweġġa' lil Joseph Brignone, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ħebb għal Joseph Brignone b'oġġett iebes, ħadida ta' lewn aħdar liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

d) Mingħajr ma darab jew sawwat, ħedded lil Joseph Brignone b'oġġett iebes, b'ħadida ta' lewn aħdar, qabad xi arma sabiex jħebb għalih;

e) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;

f) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied, kif ukoll dagħa u kliem faħxi;

g) Fl-istess dati, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Emanuel Brignone u ibnu Joseph Brignone, biża' li se tintuża vjolenza kontrihom u kontra familjari tagħhom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imssu kien jaf li l-imġieba tiegħu se jikkaġuna lil Emanuel Brignone u ibnu Joseph Brignone (*sic*) u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Joseph Ellul, a benefiċċju ta' Emanuel Brignone, Joseph Brignone u familjari tagħhom u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' Emanuel Brignone, Joseph Brignone u familjari tagħhom jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikkabli għar-reat, torbot lil Joseph Ellul b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet finalment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Joseph Ellul sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

a) Fl-Artikoli 41(1)(a), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikoli 41(1)(a), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g) Fl-Artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

[1] Fol.163

Illi l-Ispettur **Josric Mifsud** xehed kif fil-21 ta' April, 2018, ghal habta tal-hdax u kwart ta' filghodu, il-pulizija giet infurmata li kien hemm glieda bejn zewg persuni go Triq Alessandra, fejn wiehed minnhom kien l-imputat, maghruf bhala *il-Baginu.* Originarjament il-pulizija giet infurmata illi kien hemm vettura li kien qed isuq Joseph Ellul li baqghet diehla go vettura tal-ghamla BMW li kienet ipparkjata. Mill-investigazzjoni li ghamlu gew infurmati li fl-istess hin kien hemm xarabank għaddejja mill-istess triq u ghalhekk talbu ghal *footage* li seta' gie mittieħed minn l-istess xarabank.[2] Kompla li fil-frattemp mar l-ghassa l-allegat vittma, certu Joseph Brignone, li kien qieghed fil-vettura BMW 530 bin-numru tar-registrazzjoni MTG 490, fejn stqarr mal-Pulizija[3] li Joseph Ellul kien qed isuq vettura tal-ghamla Polo, hareg minn wara x-xarabank u baqa' diehel go fih dirett. Zied li ghalhekk qabez ghal fuq id-*driver's seat* u harab minn fuq il-post. Sussegwentament, wara li l-BMW giet misjuqa minn Brignone ghal fuq il-post , ittiehdu ritratti tal-BMW bil-hsarat kkawzati fuqha[4].

Illi l-ispettur investigattiv spjega li ttiehdet stqarrija tal-imputat fejn dan ammetta li kellu xi jghid ma Brignone peress li kien qed ibiegħ id-droga lit-tifel tieghu Ainsley. L-imputat sostna illi hekk kif ra il-vettura ta' Brignone gejja minn faccata tieghu, *"Jien tfajt mieghu, u ghidtlu 'Ieqaf biegh is-synthetic lit-tifel' u offendejtu ukoll. Kif gejt biex ninzel mill-karozza tieghi, Brignone saq il-quddiem u gibed il-fanal u il-bumper ta' wara tal-karozza tieghi. Tidher li gibda fuq iz-zewg karozzi, ghax li kieku ridt nahbat fih, kont*

[2] Fol. 60-61
[3] Vide **Dok.JM6** a fol.17 et seq.
[4] **Dok.JMZ** a fol. 67

*nibqa diehel head-on go fih. Brignone harab minn fuq il-post…inzielt ghalih imma mhux b'hadida. Imma veru nzielt ghalih…issikajtu …fil-fatt fuq il-karozza tieghi, jien selha fuq wara tal-karozza tieghi biss hemm, u mhux il-gemb kollu kif ghandu hu"* [5].

Illi meta l-ispettur kellem lil Brignone dan qallu li hu kien fil-vettura tal-ghamla BMW li kien tappartjeni lill-*boyfriend* ta' ohtu, u l-imputat mar bil-karozza u waqaf, irriversja ghal go fih u tah daqqa <u>fuq il-bieba tan-naha tieghu</u>. Qal li Ellul nizel ghalih u li hu harab minn fuq il-post bil-vettura. Brignone pprezenta lill-pulizija b'kopja ta' messagg li Ellul ghamel fuq il-*facebook profile* tieghu li fih hemm kliem li min irid isibu jista' jaghmel dan ghax mhux jibza minnu u li kien ilu tlett snin *"nistena dal mument im happy"*.[6]

Illi l-ufficjal prosekutur zied jispjega kif aktar tard ircieva telefonata min ghand l-avukat ta' Joseph Brignone li nfurmatu li Ellul kien saq wara Emanuel Brignone, missier Joseph Brignone, fi Triq San Dwardu, u pprova jtajjru. Fir-rapport li sussegwentement ghamel l-ghassa Emanuel Brignone,[7] iddikjara li fil-hin li kien ghaddej bil-Lambretta tiela' lejn id-direzzjoni tal-Kalkara, ra lil Ellul ghaddej bil-Polo nizel l-isfel. Ghalkemm hu baqa' tiela' l-fuq, kif gie biex jikser ghal go triq hdejn il-kappucini, sema' *break* qawwi u hemmekk ittawwal lura u nnota il-Polo ta' Ellul kien qieghed warajh.

---

[5] Vide Stqarrija, **Dok. JM1** a fol. 10-11
[6] Fol. 61-62. Vide **Dok.JM2** a fol. 69
[7] **Dok. JM7** a fol.19 et seq.

Illi Mifsud ikompli li huwa kien baghat ghal Joseph Ellul kif ukoll ghal Omar Abela li huwa persuna li jahdem fil-gabbana li jiehu hsieb Joseph Ellul. Ghalkemm Abela stqarr mal-pulizija li l-imputat fl-ebda hin ma kien telaq minn gewwa l-gabbana, meta gie mitkellem bin l-imputat dan stqarr li missieru kien telaq minn hemmekk darbtejn, darba biex mar gab lilu stess u t-tieni darba ghal habta bejn wiehed u iehor x'hin sehh l-incident, fejn kien mar bil-karozza biex iwassal lil Omar Abela l-Kalkara biex ikun jista' jigbor il-karozza tieghu. Ma kienu nstabu l-ebda *break marks* fejn gie rrapurtat li sehh dan l-incident. [8] Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx gie infurmat li l-imputat mar id-dar ta' Brignone b'mannara f'idejħ, kif allegat mill-parte civile, ikkonferma li ma kienx infurmat b'dan.[9] Riprodott l-ufficjal investigattiv ikkonferma li ma kienx hemm xhieda okulari li raw lill-imputat ghaddej fit-triq bil-mannara hekk kif jixhed Joseph Brignone, anzi minn investigazzjonijiet li saru *"ma kien hemm hadd fit-toroq…ma rajna l-hadd u hadd ma ra xejn"*.[10]

Illi fit-tieni stqarrija li ttiehdet fit-22 t'April, 2018, dan innega li kien saq ghal wara Emanuel Brignone. [11] Ikkonfrontat bil-fatt li kien qal lill-pulizija li ma kienx telaq mill-gabbana meta fil-fatt kien hareg minnha darbtejn, jghid li nesa' ghax kien dejjem baqa' fil-vicinanzi taghha; fatt li jikkonfermah Omar Abela.[12]

---

[8] Fol.62
[9] Fol.65-66
[10] Fol.160-161
[11] **Dok. JM3** a fol. 13 et seq
[12] **Dok. JM3** a fol.14

Illi **Jonathan Mizzi** xehed li mill-*footage* esebit jirrizulta li kienet qed tahdem biss il-*camera* ta' quddiem tax-xarabank u ghalhekk dak li sehh wara li x-xarabank issorpassat il-vettura ta' Brignone ma kienx inqabad mill-*camera* taghha.[13]

Illi **Stephen Cachia,** in rapprezentanza ta' Transport Malta, provda informazzjoni dwar il-vetturi allegatament involuti f'dan l-incident minn fejn irrizulta li l-mutur bin-numru ta' registrazzjoni BCG 248 kien irreġistrat fuq Emanuele Brignone sa minn Marzu, 2010, filwaqt li l-vettura BMW numru MTG490 fuq Steven Ellul sa minn Frar, 2014.[14] Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAT 582 kienet irregistrata fuq Joseph Ellul sa minn il-1 ta'Settembru, 2015.[15]

L-istess xhud xehed kif Joseph Brignone **ma kellu l-ebda kategorika ta' licenzja tas-sewqan**, dettal li jimpingi direttament fuq il-veracita` *o meno* tad-dikjarazzjonijiet li saru mill-istess Brignone.[16]

Illi **Emanuel Brignone** xehed li fit-22 t'April, hekk kif kien rikeb il-mutur tieghu u kien niezel mix-Xghajra ta' Bormla, ra lill-imputat li jafu bhala *l-Baginu,* tiela' l-fuq. Kif kien tela' it-telgha tal-Kalkara, sema' *break* mieghu "*ghalija ghamel biex jolqotni u jien ksirt fuq ix-xellug u huwa bil-break li zamm baqa' sejjer, jien kont ilni li rajtu, hu pprova jweggani ux*".[17] Stqarr li ma jafx ghaliex l-imputat ghamillu hekk ghalkemm jaf li kien

[13] Fol. 129-130; Vide **Dok. JM** a fol. 131 et seq
[14] Fol. 44-45; **Dok.SC** a fol. 46-51
[15] Fol. 111; **Dok. SC1** a fol.113-118
[16] Fol.44
[17] Fol.88-89

hemm dizgwid bejn l-imputat w ibnu.[18] Ikompli *"Il-karozza kienet tieghu ghax rajtha ghax jien meta nzilt mix-Xghajra rajtu tiela ….Gurnata qabel dahal gol-BM tat-tifel.".* [19]In kontro ezami meta mistqosi dwar jekk jafx u kif kien jaf lill-iben l-imputat, ix-xhud sar ferm evaziv fit-twegibiet tieghu w sostna li gieli raħ il-kazin ta' Bormla u kien issellimlu biss[20] *"nghidlu hawn Ainsley orrajt daqshekk…Imma dqshekk sa nwiegeb, mhux ser inwiegeb izjed, nista' ghandi dritt?...Nitkellmu ghax hu kien jghidli hawn Bro orrajt, nghidlu orrajt".*[21] Emanuel Brignone kompla jikkonferma li anke kellu n-numru tal-mobile ta' Ainsley izda ma joffri l-ebda spjegazzjoni kredibbli u li ghandha mis-sewwa ghaliex kellu jkollu mobile ta' tfajjel li kien issellimlu biss![22]

Illi **Joseph Brignone** xehed li waqt li *"Jien kont qieghed ipparkjat fuq il-mobile qed nitkellem… Fejn l-iskola tal-bniet, il-Verdala…. Ghaddiet l-Arriva, imbaghad ghadda Joseph Ellul warajha u …. kif ra lili irriversja gas down fuqi, nizel b'hadida….[irriversja] Fuq il-bieba tan-naha ta lil hemm, tan-naha tal-passigier…. U jien kont fuq il-mobile, imbaghad hu nizel, sakkarni bil-karozza, u nizel b'hadida kbira hadra, imbaghad jien soqt…smajtu li jghid ieqaf,…. hu biex jaghti bil-haddieda nimmagina, jien ghax ikissirli l-karozza mhux ghall-hadida u ghax iwegga lili wkoll nimmagina ".*[23]Brignone jghid li l-imputat irriversja ghal go fih *"b'lura bil-fanal ta'wara".* Muri r-ritratti tal-hsarat jghid li meta l-imputat sakkru u rah bil-hadida, hu saq u kompla jigbed

[18] Fol.90
[19] Fol.91
[20] Fol.93-94
[21] Fol.94
[22] Fol.95-96
[23] Fol.79-80

il-genb tal-vettura *"U jiena soqt ghamilt bicca ohra minn wara"*.[24] Mistoqsi ghaliex l-imputat kellu jaghmillu hekk jaghzel li ma jwegibx. In kontro-ezami **jikkonferma li hu kien qed juza l-vettura**. Mistoqsi kemm kien ilu jaf lil Ainsley jsib diffikulta` iwiegeb; l-istess diffikulta` jiskontraha meta mitlub jghid dwar l-eta` ta' Ainsley.[25] Jghid li **hu kien ipparkjat** *wrong side* biex icedi lix-xarabank u Ellul dahal fih *"Bir-reverse gas down ghal gol-bieba….kif qabez il-bus, kif ra lili qabzet il-bus lili ghax cedejtilha, fhimt ghax hu kien warajha u kif ra lili rriversja u dahal gol-karozza… Ghaddiet l-Arriva, ghadda huwa u kif ra lili irriversja go fija…. jien kont qieghed fuq il-mobile u kif rani huwa, dahhal ir-reverse gas down u dahal go fija u nizel bil-hadida, prova jsakkarni u hekk fhimt, sakkarni u mbaghad qbadt u soqt"*.[26] Ghall-ewwel isemmi li nizel *"b'hadida kbira"*[27] izda aktar tard lejn tmiem ix-xhieda tieghu jghid li kien hebb ghalih b'mannara. Anke hawn izda l-ewwel jghid li hareg bil-mannara fejn kien hemm l-impatt *"**meta soqt** qalli ieqaf, **meta soqt** qalli ieqaf. Inti tieqaf tara bniedem hekk? Imbaghad wara sirt naf li kienet mannara"*[28] u sekondi wara jghid li l-imputat mar ghalih bil-mannara fejn id-dar tieghu w sar jaf b'dan minghand il-girien:[29]

*Dr. Arthur Azzopardi: Bil-mannara gie ghalik fejn id-dar tieghek*

*Xhud: Yes*

---

[24] Fol.81
[25] Fol.82-83
[26] Fol.84-85
[27] Fol.80
[28] Fol.85
[29] Fol.85

Fid-dikjarazzjoni moghtija *a tempo vergine* kien qal li meta l-imputat waqaf u hareg ghalih *"l-vettura VW baqet mixja minghajr xufier."*[30] Iktar rilevanti fid-dikjarazzjonijiet li saru mal-pulizija meta sar ir-rapport inizjali, Brignone jghid li kien fuq in-naha tal-passiggier u Ellul dahal go fih, fuq in-naha tieghu! Hawn jikkoncedi li kien hu **fis-seat tas-sewwieq**!!

Illi **Steven Ellul** xehed li huwa s-sid tal-vettura tal-għamla BMW bin numru ta registrazzjoni MTG 490 liema vettura tuzahha l-gharusa tieghu, Analise Brignione.[31] Dakinhar tal-incident kienet qed tinstaq minn Analise peress li hu ma jsibx fejn jipparkja l-vettura tieghu Ħal-Tarxien u kien iħalli l-vettura ghandha. Kien inkariga *surveyor* jaghmillu stima tal-hsarat fejn l-ammont stmat kien dak ta' €2,736.[32]

Illi **Natalino Aguis** xehed kif Steven Ellul inkarigah jaghmel stima tal-hsarat fuq BMW 5 series b'numru ta registrazzjoni MTG 490. Din kellha l-hsara kkoncentrata fuq in-naha tax xellug li kienet tibda minn fuq il-bieba u taħt il-bieba u tibqa titkaxxkar sal-genb ta' wara il-*bumper.* Fir rigward tal-ispejjez mehtiega sabiex il-vettura tigi irrangata kien hemm €1,247.62 stmati ghall-*parts* filwaqt li €1,383.43 bhala xoghlijiet mehtiega ghall-tiswija.[33] Riprodott esebixxa set ritratti mmarkati tal-hsarat li ssemmew minnu. bhala tal-vettura in kwistjoni ul hsarat illi din il-vettura garbet.[34]

---

[30] Fol.18
[31] Fol.70
[32] Fol. 71; Vide **Dok. SE** a fol.73-76
[33] Fol. 119
[34] Fol. 142; Vide **Dok.NAZ** a fol. 144-145

Illi **Omar Abela** xehed li kien jahdem fil-gabbana tal-imputat, *Bendo Kiosk,* gewwa Bormla u kellu l-vann faccata fejn il-Birgu. Kif saru xi 11.45am l-imputat wasslu biex itella' l-vann. Hu mar lura l-gabbana u ftit wara wasal l-imputat. In kontro-ezami spjega li dak inhar kien hemm *car booth sale* u ghalhekk il-gabban tkun *busy* hafna tant li jkunu qed jahdmu tnejn fuq barra u wiehed fuq gewwa. [35]

<u>Konkluzzjonijiet</u>

Illi fid-dawl tal-provi akkwiziti, l-Qorti qed taghmel is-segwenti konkluzzjonijiet:

1. Illi l-Qorti mhix konvinta mill-veracita` tal-istqarrija tal-imputat rrilaxxata fit-22 t'April, 2018, u senjatament meta jghid li nnega mal-pulizija likien hareg mill-gabbana minhabba li kien nesa` ghax dejjem baqa' fil-vicinanzi taghha. Dak li ma jridx jintnesa hu li l-pulizija kellmet lil Ellul ftit wara li dahal ir-rapport u cioe` dakinhar li Emanuel Brignone ghamel ir-rapport ghall-habta tan-nofsiegha. Kien biss ftit tal-hin wara, fil-15:40hrs tal-istess jum, li dan irrilaxxa l-istqarrija u gie kkonfrontat bil-fatt li Abela kien qal mod iehor.[36]

[35] Fol.147
[36] Fol.13

2. Madanakollu ghalkemm Emanuel Brignone jixhed li l-imputat ha *break* qawwi tant li ghamel biex itajjru, l-pulizija ma sabet l-ebda *break marks* fuq il-post fejn allegatament kien hemm l-iskontru bejn ix-xhud u l-imputat. Lanqas ma ngiebet evidenza ohra li b'xi mod tissostanzja l-ewwel imputazzjoni.

3. Illi x-xhieda ta' Emanuel Brignone hi wahda li bl-ebda mod ma tista titqies bhala li hi *safe and satisfactory* ghar-ragunijiet li gja saret riferenza ghalihom aktar il-fuq. Il-Qorti hi prekluza milli taghti kreddibilita` lil dan ix-xhud.

4. Illi l-istess jinghad ghax-xhieda ta' Joseph Brignone fejn jiddeciedi li jieqaf iwiegeb ghal domandi dwar ir-relazzjoni ma bin l-imputat. Bla dubbju r-reticenza u riluttanza tieghu timpingi fuq il-kreddibilita` tieghu.

5. Ghalkemm d-difiza ma ressqet l-ebda eccezzjoni dwar dan, jibqa' l-fatt li l-**Current Incident Reports** ma gewx kkonfermati bil-gurament minn min irridegihom u ghalhekk ma jistghux jinghataw il-forza probatorja misthoqqa <u>in sostenn tal-akkuzi addebitati lill-imputat</u>.

6. Illi jigi sottolinejat li mill-**Current Incident Report** dwar l-incident tal-21 t'April, 2018[37] - li hu nieqes minn forza probatorja fil-konfront tal-imputat tenut kont li <u>baqa' ma giex kkonfermat bil-gurament minn WPC339 Whitney Falzon Debono -</u> jirrizulta li

[37] Dok. JM6 a fol. 17-18

kienet Analise Brignone li marret l-ghassa tirraporta l-incident fejn din infurmat lill-pulizija li **kienet hi** li kienet qed taghmel uzu mill-vettura fis-sens li kienet hi li kienet qed issuqha *"Hija kompliet tistqarr illi pparkjat l-imsemmija vettura….maghha kien hemm huha…fejn kien qieghed bil-qeghda fuq is-seat tal-passiggier." A tempo vergine* ittiehdet il-verzjoni ta' Joseph Brignone fejn dan semma' li **kien bilqeghda fuq in-naha tal-passigier** u malli ra lil Ellul gej ghal fuqu *"qabez ghal fuq is-seat tax-xufier biex jevita d-daqqa"*.[38] Izda meta Joseph Brignone jixhed quddiem il-Qorti ma jsemmi lill-ohtu fl-ebda mument anzi jghid li kien **hu li kien qed isuq** u kien ghadu gej mill-post tieghu:

*Dr. Arthur Azzopardi: Jigifieri <u>int kont diga soqt</u> x'imkien biex wasalt hemmekk*
*Xhud:* ***Mill-post nghid il-verita, ghax ghandna flat aktar il-fuq ahna, mill-post fejn sar l-accident, erba' passi l-fuq***
*QORTI: Iva imma fejn? X'jisimha t-triq?*
*Xhud: Fl-istess triq*[39]

**7.** Illi l-Qorti temmen li saru dikjarazzjonijiet inveritjieri dwar min kien qed isuq il-vettura biex tkompli ssahhah il-verzjoni mqanzha li l-vettura ma tappartjenix lil Joseph Brignone u dan **biex jahbi l-fatt li l-vettura hi tieghu u li jsuqha minghajr ma hu debitament licenzjat**. Ghalkemm dan il-fatt ma jimpingi bl-ebda mod dirett fuq l-akkuzi addebitati lill-imputat fil-kaz in dezamina bla dubbju

[38] Fol.18
[39] Fol.83

jimminaw irreparabbilment il-kreddibilita` ta' Joseph u Emanuel Brignone filwaqt li jqanqlu suspetti li nghatat **informazzjoni falza lill-pulizija** meta nhar il-21 ta' April, 2018, gie irrapurtat l-incident u gew mitkellma Analise u Joseph Brignone.[40] Ix-xhieda ta' Steven Ellul quddiem il-Qorti  wkoll tammonta ghall-wahda inveritjiera in kwantu l-vettura kienet registrata f'ismu izda kien jaghmel uzu minnha Joseph Brignone u mhux ohtu, fatt li kien konsapevoli tieghu! Joseph Brignone jammetti li kien hu li kien qed isuq il-BMW izda jghid ***"ikissirli l-karozza …",***[41]filwaqt li missieru Emanuel Brignone jirreferi ghaliha daqs li kieku din kienet tappartjeni lill-ibnu ***"Gurnata qabel dahal gol-BM tat-tifel.".*** [42]

8. Illi ghalkemm l-ispettur ikkonferma[43] li kien Ellul stess li ammetta mieghu li kien kiteb il-messagg fuq il-*facebook profile* ta' Joseph Brignone -*"nistena dal mument im happy",*[44] baqa' ma gietx ippruvat imqar remotament id-data ta' meta ttella' dan il-messagg u wisq anqas ghal xhiex kien qed jirreferi l-imputat meta qed jghid li kien kuntent li kien wasal il-mument. Ghalkemm il-Qorti tista' tispekula dwar ir-raguni ghaliex intqal dan id-diskors l-istqarrija ma taghmel ebda accenn ghal dan u ghaldaqstant jibqa' ma giex definittivament determinat jekk kienx kuntent ghax sehhu l-affarijiet kif irrakontahhom hu jew ghaliex graw kif sahaq Joseph Brignone.

---

[40] Fol.18
[41] Fol.79-80
[42] Fol.91
[43] Fol.64
[44] Fol. 61-62. Vide **Dok.JM2** a fol. 69

9. Illi ghajr ghall-verzjonijiet ta' Joseph u Emanuel Brignone, msewsa minn nuqqas ta' kreddibilita` u fejn il-veracita` tal-istess hi dubbjuza immens, ma ngabu l-ebda provi ohra ghajr ghall-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija minn tieghu fejn jghid li hu minnu li hu issikka lil Joseph Brignone u hareg ghalih joffendieh.

10. Illi l-imputat Ellul jichad li kellu xi hadida f'idu w fil-fatt il-pulizija baqghet ma sabet l-ebda oggett li allegatament intuza mill-imputat hekk kif nizel mill-vettura tieghu.

11. Illi lanqas ma gie pruvat li l-imputat kellu l-intenzjoni generika li jaghmel offiza fuq Joseph Brignone. Li kieku ried jaghmel dan certament ma kienx ser irossu jew jidhol bil-vettura fuq in-naha tal-passigier fil-hin li Brignone kien **fuq is-seat tax-xufier** ipparkjat fil-genb ta' triq!

12. Illi mir-ritratti esebiti jidhru l-hsarat fuq il-BMW fuq it-tul tal-genb tan-naha tal-passiggier taghha hekk kif jidhru wkoll il-hsarat minimi fuq in-naha tal-vettura tal-imputat.[45] Il-postijiet fejn hija kkoncentrata l-hsara, id-daqqa li tidher fuq in-naha tal-bieba tal-passiggier u l-aktar mill-fatt li l-*bumper* tal-vettura tal-imputat ghandu daqqa l-gewwa u mhux migbud il-barra, hi indikattiva li l-ewwel impatt sehh hekk kif l-vettura tal-imputat irriversjat ghal go dik ta' Brignone. Pero` anke fuq dan il-Qorti mhix konvinta ghal

[45] **Dok. JMZ1** a fol. 68

kollox tenut kont li *a tempo vergine* Brignone jghid li kif l-imputat hareg mill-karozza, din baqghet mixja wahedha.[46] Ghalhekk id-daqqa haditha l-BMW meta hu saq ghal go fiha jew meta l-karozza baqghet mixja bla xufier? Dak li hemm qbil dwaru hu li meta Brignone saq biex jevita lill-imputat dan baraxx il-genb tal-BMW.

13. Illi ma gie mitlub l-ebda espert tekniku li seta' jaghmel rikostruzzjoni tad-dinamika dwar kif sehh l-iskontru u senjatament l-impatt bejn Brignone u Ellul. Madanakollu jidher li l-ewwel impatt sehh meta Ellul irriversja ghal go Brignone biex jissikah man-naha tat-triq fejn kien ipparkjat meta hareg ghalih.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti hi kkonfrontata mhux biss minn nuqqas assolut ta' provi li jikkoroboraw ix-xhieda ta' Joseph u Emanuel Brignone li kif intqal taw xhieda li l-Qorti mhix komda tistrieh unikament fuqha, izda minbarra li l-provi aktar jimmiltaw versu l-verzjoni li ta l-imputat fl-istqarrijiet tieghu – il-koncentrazzjoni tal-hsarat, in-nuqqas ta' *break marks*, in-nuqqas ta' evidenza li ntuza xi oggett li bih gie aggredit Joseph Brignone – il-kaz in dezamina hu senjalat minn verzjonijiet konfliggenti.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Ivan Giliberti et**:

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza Taghha fl-appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Attard**" [3.4.2003]i ghalkemm jista' jkun hemm "*certu konflitt fil-provi , dan ma jfissirx li dan ghandu bil-fors johloq dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni. Kif issottometta l-abbli Prosekutur, f'kull kaz ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (Art. 638 (2) tal-Kap.9) . U kwistjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti , billi jittiehed qies tal-imgieba , kondotta, karattru*

[46] Fol.18

*tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti , u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu , u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*[47]

L-istess Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** ddecidiet:

Inoltre jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar2. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghalliberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*3.

…..

Evidentement l-Ewwel Qorti, wara konsiderazzjoni tal-provi kollha li ngabu quddiemha, wara li kellha l-opportunita` tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9) u wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, ikkonkludiet li l-appellant kien hati ta' l-imputazzjoni dedotta. ….

Fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Mario Emanuel Camilleri** l-Qorti kkunsidrat:[48]

Illi kif inhu maghruf f'kaz ta' kunflitt fil-provi mbaghad, jew cahda da parti ta' l-imputat tal-fatti li qed ikunu imputati lilu mhux necessarjament ghandu jigi liberat. Hawn ukoll pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta'l-Appell Kriminali.

*Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' … u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker"** [19.5.1997]:*

*"It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*[49].

---

[47] Per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono, Deciza 07.01.2004; App. Krim. Nru. 188/2003

[48] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, Deciza 31.01.2013

[49] **Pulizija vs Omissis**; Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

Imbghad fid-decizjoni **Il-Pulizija vs Jonathan Gatt** intqal:[50]

“Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat ta’l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. “Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu.” (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f’dana it-tip ta’ reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta’ offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: “*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*” (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid “*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply* ***in dubbio pro reo****.*”

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

“Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. **Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo*

[50] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, 9.07.2012

*compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.*" (sottolinjar tal-Qorti).

U ikkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."".[51]

Issir riferenza ukoll ghar-ragunament tal-Qorti tal-Appell Kriminali f' **Il-Pulizija vs Saviour Xerri:**[52]

"Issa huwa minnu li f'materja ta' offizi fuq il-persuna li ma jkunux akkompanjati mill-intenzjoni specifika tal-aggressur li joqtol jew li jpoggi l-hajja tal-vittma f' perikolu car, japplika l-principju li *"dolus indeterminatus determinatur ab exitu"*, pero', kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, jistghu jirrizultaw cirkostanzi li jikkonvincu lillgudikant sal-grad tac-certezza morali, fejn l-offiza li tkun irrizultat tkun ta' natura hafifa, li l-intenzjoni tal-aggressur ma kienetx biss dik li jikkaguna offiza ta' natura hafifa jew intenzjoni generika li jikkaguna xi xorta ta' offiza, imma wahda specifika li jikkaguna offiza ta' natura gravi.Hawnhekk tkun ipotizzabbli l-imputazzjoni tat-tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna.

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li normalment min jaqbad strument jaqta' w bil-ponta bhal ma huwa mus, biex jaghti bih ikollu intenzjoni li jferi serjament lil dak li jkun u mhux biex jaghmillu xi girfa superficjali. Hu minnu li f' dan il-kaz il-ferita kienet fl-arti inferjuri, pero' huwa risaput li anki flarti jkun hemm *blood vessels* bhal arterji jew vini principali, nervituri w sistema ta' muskoli li, jekk jigu perforati jew imcarrta, jistghu facilment iwasslu ghal konsegwenzi ferm serji. Kienet korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li biex jissussisti r-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi jinhtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi kagjonata tali offiza gravi w mhux biss intenzjoni generika li twegga' lil dak li jkun, pero' tali intenzjoni specifika tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi bhal ma huma x-xorta tal-arma li tkun intuzat. Tista' ukoll tigi dezunta min-natura tal-ferita innifisha. Altru girfa superficjali bhal dik li tigi kagjonata minn min ikun qed ixejjer b' mus aktar biex ibezza' jew biex izomm l-avversarju tieghu 'l boghod minnu w altru *"stab wound"* kif irrizulta f' dan il-kaz.".

Illi dak li jirrizulta indubbjament mill-provi hu li b'konsegwenza tal-ghemil minn tieghu l-imputat ikkawza hsara volontarja fuq il-BMW registrata fuq Steven Ellul. Peress li d-danni li dwarhom inghatat stima jinkludu wkoll l-hsarat li gew kkawzati hekk kif Brignone stess li saq

[51] Ara ukoll Il-Pulizija vs. Emanuel Bonnici, 13.07.2005; App. Krim.
[52] 24.02.2010; App. Krim

minn fuq il-post u meta jammetti hu stess li gibed il-genb tal-BMW, il-Qorti qed tasal ghall-ammont ta' hsarat dovuti *arbitro bona viri* u tqis li l-hsara hi dik li tinkwadra fir-reat ravvizat bl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Din hi l-hsara li giet ikkawzata meta l-VW Polo tal-imputat habtet mal-BMW misjuqa minn Brignone, anke jekk Brignone ghandu jitwemmen li l-impatt sehh meta l-karozza baqghet miexja wahedha xorta wara li nizel minnha l-imputat.

Illi kif gja ntqal ma jirrizultax li l-imputat kellu l-intenzjoni generika rikjesta li jaghmel offiza fuq il-persuna ta' Brignone tenut kont li l-impatt kien fuq in-naha tal-passiggier filwaqt li dan kien fis-*seat* tax-xufier. Jammetti li hareg ghalih izda il-Qorti temmen li dan sar unikament sabiex iwissieh u jbezzghu bil-ghan li ma jkomplix jispacca droga lill-ibnu. Kif intqal l-ewwel imputazzjoni, dik fil-konfront ta' Emanuel Brignone, ma gietx ppruvata.

Illi l-imputat ma giex addebitat bl-imputazzjonijiet ravvizati bl-artikoli 339(1)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali li kjarament jirrizultaw tenut kont tal-istqarrija rrilaxxata minnu, izda b'dawk ravvizati bl-artikoli 338(dd) u 339(1)(b) b'din tal-ahhar tibqa' ma tigix soddisfacentement ippruvata.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[53] inghad:

"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-

[53] Deciza 19 ta' Novembru, 1999; Volum LXXXIII Part IV paġina 441

cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Tanti** rriteniet kif gej:[54]

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:**

"Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" **[5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law*" Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace"* . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.**

**Fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" **[23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet :** "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." **kien qal hekk :-**

***"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).**

**Fl-istess sentenza ta'** Paul Busuttil **gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-**

***"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In*** *Ferguson v. Carnochan* ***(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in*** *Macmillan v. Normand* ***(1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .***

**u dik il-Qorti ziedet tghid li :-**

[54] Appell Nru.46/2005; Deciza 5 ta' Mejju, 2005, per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

***"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41-01).***

***U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-***

***"...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).***

Illi l-imputazzjoni ravvizata bl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali kjarament tirrizulta tenut kont li l-agir tal-imputat kien wiehed li necessarjament inissel *"minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil".* Tant Brignone thasseb u beza' ghall-inkolumita` tieghu li harab minn fuq il-post u fil-process barax il-genb tal-vettura misjuqa minnu.

Illi fir-rigward tal-akkuzi l-ohra, ikkunsidrati dawn ir-rizultanzi processwali, l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.[55]

Illi dwar il-piena erogabbli l-Qorti qiset dak li gieghel l-imputat jaghmel azzjoni hekk insensata fuq Brignone, l-istint u mhabba ta' missier li

[55] Ghalkemm fl-akkuza tidher l-imputazzjoni ravvizata bl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, dan l-artikolu ma giex citat fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali.

jhares bhal seqer il-benessere t' ibnu, il-fedina penali netta tieghu w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni, tilliberah mill-kumplament, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti ma tistax ma tosservax li meta Analise u Joseph Brignone ghamlu r-rapport l-Ghassa nhar il-21 t'April, 2018, ghamlu dikjarazzjonijiet inveritjieri dwar min kien qed isuq il-vettura registrata fuq Steven Ellul kif ukoll taw x'jinfthiem li l-imputat saq direttament fuq Joseph Brignone meta ntqal li kien fuq is-*seat* tal-passiggier, in-naha li sostniet id-daqqa. Steven Ellul ukoll ghandu x'jirrispondi meta quddiem il-Qorti w bil-gurament tieghu pprova jahbi l-fatt li l-vettura registrata f'ismu tintuza mill-imputat u mhux mit-tfajla tieghu. Kollox jindika li dan sar biex jibqa' mistur il-fatt li Joseph Brignone kien qed isuq vettura minghajr licenja u assikurazzjoni skond kif legalment mehtieg.

Ghaldaqstant tordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikoli 104(1) u 111(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan senjatament fil-konfront ta' Steven Ellul, Analise Brignone u

Joseph Brignone, kif ukoll dawk taht l-Kapitoli 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Joseph Brignone.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Current Incident Report[56], ix-xhieda ta' Joseph Brignone, Stephen Cachia u Stephen Ellul moghtija f'dawn il-proceduri flimkien din is-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[56] **Dok. JM6** a fol.17-18